Minuti tas-disa' (09/7) laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Il-Gudja li ġiet imsejjħa b'urġenza fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Il-Gudja nhar it-Tlieta 23 ta' Lulju 2013 fis-6.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku: | Is-Sur John-Mary Calleja |
| | Viċi Sindku: | Is-Sur Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri: | Is-Sur Mark Anthony Sammut u s-Sur Stefan Caruana |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Is-Sur Joseph M. Formosa |
| Skużata: | Kunsilliera: | Is-Sinjorina Demelsa Grech |

Aġenda:-

1. Playing field Ġnien Raymond Caruana:-
   a. Għażla tat-tender 01/13 (UIF)
   b. Rapport tal-MCCAA (Malta Competition and Consumer Affairs Authority)

2. Għeluq tal-laqgħa

***Ftuħ tal-laqgħa***

Il-laqgħa bdiet fis-6.05p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

**1.0 <u>Playing field Ġnien Raymond Caruana</u>**

1.1 Għażla tat-tender 01/13 (UIF)

1.1.1 Il-Kunsill ġie preżentat b'dawn l-offerti kif hawn indikati u li qed jinżammu għand il-Kunsill bħala records tas-sottomissjonijiet ta' din l-istess tender:-

a. Foretals FGL Commercial Sales Ltd
b. JGC Ltd
c. Peter Vella & FEMI Works Ltd
d. MQuip Co Ltd
e. L & A Camilleri Ltd
f. Green Skip Services Ltd.

Il-Kunsill ħa konjuzjoni u iddelibera dwar kull offerta kif ukoll dwar ir-rapport tal-Perit dwar kull offerta li rċieva l-Kunsill u dwar ix-xogħol u apparat meħtieġ.

Saret diskussjoni fid-dettal dwar dawn l-offerti u l-kriterja dwar dak meħtieġ sabiex issir l-għażla finali.

Il-Viċi-Sindku Sur Baldacchino qal li huwa stess diġa għandu esperjenza dwar dak meħtieġ peress li huwa stess jiltaqa' dwar dan fix-xogħol tiegħu ta' kuljum.

Is-Sur Baldacchino qal li huwa ħadem ħafna sabiex kemm il-Ġnien kif ukoll il-Playing field fi Ġnien R. Caruana jinżammu sewwa u li issa l-Kunsill għandu jaġixxi sabiex issir ix-xogħol meħtieġ.

Fl-għażla tiegħu l-Kunsill mexa fuq din il-kriterja:- fuq bażi tal-orħos offerta, li tissodisfa l-ħtiġijiet u kriterji amministrattivi, u tekniċi, skond kriterji u kundizzjonijiet elenkati fid-dokumenti tal-offerta (tender), u għażel l-offerta ta' Forestals (FGL Commercials Sales Ltd).

Il-Kunsill qabel li għandu javża lill dawk kollha li għamlu l-offerta dwar l-għażal tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel li għandu jsir il-kuntratt ma' Forestals (FGL Commercials Sales Ltd) skond il-proċedura stabbilita.

Il-Kunsill qabel li x-xogħol għandu jibda fid-19 t'Awwissu 2013 u jispiċċa sa mhux aktar tard minn Marzu 2014.

Il-Kunsill qabel li għandu jsir dak kollu possibli sabiex l-istess Forestals jagħmlu manutenzzjoni meħtieġa u dan issir sakemm dan ikun bi prezz li jkun jaqbel lill-Kunsill għaliex il-Kunsill ifittex li jieħu l-aħjar valur għal flus li jonfoq.

1.2 Rapport tal-MCCAA (Malta Competition and Consumer Affairs Authority)

1.2.1 Il-Viċi-Sindku s-Sur Baldacchino qal li kellu diversi laqgħat mar-rappreżentatni tal-MCCAA u spjega dwar kif il-Kunsill ilu żmien jinsisti u jipprepara dwar kif iżomm dawn il-playing fields fl-aħjar stat possibli.

Is-Sur Baldacchino fakkar dwar li l-Kunsill kien għamel rapport professjonali dwar il-ħtiġijiet tal-Kunsill f'dan ir-rigward u dwar kif il-Kunsill kien ingħata x'jifhem mill-Gvern Ċentrali li kien sejjer jiġi iffinanzjat b'madwar €140,000.00 liema fondi kellhom ukoll ikunu parti minn fondi tal-EU iżda għal xi raġuni jew oħra dawn qatt ma ingħataw u l-Kunsill jinsab f'pożizzjoni li jagħmel dak biss li huwa possibli filwaqt li jneħħi l-periklu mill-playing fields.

Il-Kunsill ħa konjuzjoni u iddelibera dwar il-kontenut tar-rapoorti rispettivi tal-MCCAA u filwaqt li qabel li dawn għandu jiffurmaw parti minn dawn il-minuti qabel ukoll li għandu jsir dak kollu possibli sabiex filwaqt li jitneħħa l-periklu minn kull playing field issir ukoll xogħol ta' manutenzzjoni sabiex dawn il-playfing fields tal-anqas ikunu spazji li jistgħu jiġu frekwentati b'mod sigur u ħieles mill-periklu.

Il-Kunsill qabel li għandu jitlob l-għajnuna tal-KMS u anke jesplora mill-Gvern Ċentrali u l-UE (f'ħidma mal-MEUSAC) sabiex dawn il-playingfields

ikunu attrezzati sewwa u li jgħinu fl-iżvilupp kemm tat-tfal kif ukoll ta' dawk kollha li jifrekwentawhom.

Dwar parti mill-bankina madwar Ġnien R. Caruan il-Kunsill qabel li għandha tinqala ċ-ċangatura u filwaqt li jsiru konok madwar dawn is-siġar li l-għeruq tagħhom qed ittellgħu ċ-ċangatura għandhom ukoll jimtlew b'konkos b'mod li l-għeruq ma jkomplux jagħmlu ħsara u ittellgħu ċ-ċangatura billi dawn l-għeruq ikunu qed jiġu magħluqa ġewwa ħajt tal-konkos.

Il-Kunsill qabel li peress li għamel u qed jagħmel dak kollu possibli sabiex jitneħħa l-periklu minn kull playing field u li jsir ukoll l-ameljorament possibli skond kif jippermettu r-riżorsi tal-Kunsill, li r-rapporti tal-MCCAA għandhom jittieħdu biss bħala indikazjoni tax-xogħol meħtieġ u mhux bħala xi miżura ta' nuqqas ta' ħidma pożittiva tal-Kunsill f'dan ir-rigward.

## 2.0 Għeluq tal-laqgħa

2.1 Peress li l-materja li għaliha ġiet msejjħa din il-laqgħa ġiet eżawrita, s-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.30p.m. sine die.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati:-